IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2021
COM(2021) 534 final

2021/0285 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**fuq il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku ("il-Konvenzjoni ta' Helsinki") dwar l-Adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni biex tiġi emendata l-Parti II tal-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Rakkomandazzjoni li temenda Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Helsinki

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni ta' Helsinki

Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent tal-Baħar Baltiku mis-sorsi kollha ta' tniġġis, mill-industrijalizzazzjoni u minn attivitajiet oħra tal-bniedem. Daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 1980. Il-Konvenzjoni ġiet emendata fl-1992.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni[1].

### 2.2. Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM)

Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku - magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM) - hija magħmula minn rappreżentanti ta' kull waħda mill-10 Partijiet Kontraenti[2] tal-Konvenzjoni. Hi tiltaqà f'intervalli regolari, u kull meta tinqalà ċirkostanza speċjali. Il-kompitu tagħha jinkludu s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u li teżamina l-kundizzjoni taż-żona marittima, l-effettività tal-miżuri li qed jiġu adottati, il-prijoritajiet u l-ħtieġa ta' kwalunkwe miżuri addizzjonali jew miżuri differenti.

Skont l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed fil-Kummissjoni. L-UE hi intitolata għal numru ta' voti skont l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. L-UE ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom u viċeversa.

Skont l-Artikolu 19(5) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti, sakemm ma jkunx previst mod ieħor.

### 2.3. L-att previst tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku

Fl-20 ta'Ottubru 2021, matul il-Laqgħa Ministerjali tal-HELCOM tal-2021, il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku għandha tadotta Rakkomandazzjoni biex temenda l-Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Helsinki ("l-att previst").

L-għan tal-emenda huwa li jiġu modernizzati r-rekwiżiti l-Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni, billi jiġu inklużi l-iżviluppi reċenti fl-għarfien xjentifiku dwar prattiki agrikoli tajbin u glossarju ġdid ta' termini, filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, u li jiżdied paragrafu ġdid dwar ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti abbażi tar-riżultati tal-Laqgħa Ministerjali tal-Kummissjoni ta' Brussell 2018 li saret taħt il-presidenza tal-UE.

---

[1] ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19 -19.

[2] Id-Danimarka, l-Estonja, l-Unjoni Ewropea, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Federazzjoni Russa u l-Iżvezja.

L-adozzjoni tal-att previst tiftaħ il-proċedura ta' aċċettazzjoni taċita tal-Artikolu 32 tal Konvenzjoni sabiex temenda l-Parti II tal-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni. L-emenda tal-Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni se tkun torbot lill-Unjoni.

## 3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-bżonn li jiġu protetti l-bijodiversità u l-ekosistemi tal-Baħar Baltiku, inkluż fiż-żoni marittimi lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, ġie rikonoxxut ripetutament.

L-emenda tal-Parti II fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Helsinki dwar il-"Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Agrikoltura" għandha l-għan li timmodernizza r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni. Partikolarment il-punt 3 dwar il-ħżin tad-demel u l-punt 6 dwar l-applikazzjoni tad-demel organiku ġew adattati biex jinkludu żviluppi fl-għarfien xjentifiku dwar prattiki agrikoli tajbin. Barra minn hekk, ġie introdott paragrafu ġdid dwar ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti biex jirriflettu l-impenji li saru f'dan ir-rigward fid-Dikjarazzjoni HELCOM 2018 taħt il-Presidenza tal-UE, kif ukoll glossarju ġdid ta' termini, u dan filwaqt li tqieset il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Fil-laqgħa Ministerjali tal-HELCOM f'Ottubru 2021, hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni minħabba li r-Rakkomandazzjoni prevista tiftaħ il-proċedura ta' aċċettazzjoni taċita tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku biex tiġi emendata l-Parti II tal-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni. L-emenda tal-Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni se tkun torbot lill-Unjoni. Peress li l-Anness se jemenda r-rekwiżiti moderni rigward il-protezzjoni tal-Baħar Baltiku, jimmodifika impenji internazzjonali tal-UE u jtejjeb il-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[3].

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku

L-att li l-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku: hi mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effett legali għaliex jiftaħ il-proċedura ta' aċċettazzjoni taċita tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni sabiex tiġi emendata l-Parti II tal-Anness III.

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti minn 61 sa 64.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jistà jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ambjentali.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2021/0285 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## fuq il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku ("il-Konvenzjoni ta' Helsinki") dwar l-Adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni biex tiġi emendata l-Parti II tal-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku kif riveduta fl-1992 ("il-Ftehim") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/157/KE[4].

(2) Skont l-Artikolu 32 tal-Ftehim, il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku tistà tadotta emendi għall-annessi tal-Ftehim.

(3) Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku:, waqt il-laqgħa Ministerjali tal-2021 fl-20 ta' Ottubru 2021, se tadotta Rakkomandazzjoni biex jiġi emendat il-Parti II tal-Anness III tal-Ftehim.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku peress li l-emendi għall-Annessi rakkomandati mill-Kummissjoni huma adottati permezz tal-proċedura ta' aċċettazzjoni taċita prevista fl-Artikolu 32 tal-Ftehim. L-emenda għal-Parti II tal-Anness III tal-Ftehim se tkun torbot lill-Unjoni.

(5) Peress li l-emenda prevista għall-Parti II tal-Anness III se timmodernizza r-rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-Baħar Baltiku, timmodifika l-impenji internazzjonali tal-UE u ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa Ministerjali tal-2021 tal-Kummissjoni tal-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni biex jiġi emendat il-Parti II tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Helsinki.

4 ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19-19.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*